

Brussell, 9 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

10064/22

FIN 648

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 401 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-QORTI TAL-AWDITURI Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE – Sena finanzjarja 2021

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 401 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 401 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Strasburgu, 7.6.2022  
COM(2022) 401 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI**

**LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-QORTI TAL-  
AUDITURI**

**Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE – Sena finanzjarja  
2021**

# Rapport Annwali dwar il- Ġestjoni u l- Prestazzjoni għall-Baġit tal- UE

Volum I

Sena finanzjarja  
2021

#EUBUDGET

Rapporti Integrati Finanzjarji u ta'  
Akkontabilità 2021

Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tista' tirriżulta mill-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: I-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

© L-Unjoni Ewropea, 2022



Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija implimentata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Dment li ma jiġix indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat permezz ta' liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess dment li jingħata l-kreditu xieraq u dment li kwalunkwe bidla tiġi indikata.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jaf ikun hemm bżonn li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

Ir-ritratti kollha © I-Unjoni Ewropea, dment li ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE – Volum I – Sena finanzjarja 2021

Stampat	ISBN 978-92-76-49919-0	ISSN 2599-7084	doi:10.2761/022851	KV-AQ-22-001-EN-C
PDF	ISBN 978-92-76-49892-6	ISSN 2599-7092	doi:10.2761/093153	KV-AQ-22-001-EN-N

Huwa disponibbli wkoll:

Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE – Volum II – Annessi – Sena finanzjarja 2021

Stampat	ISBN 978-92-76-51013-0	ISSN 2599-7084	doi:10.2761/733952	KV-AQ-22-002-EN-C
PDF	ISBN 978-92-76-51012-3	ISSN 2599-7092	doi:10.2761/285345	KV-AQ-22-002-EN-N

Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE – Volum III – Annessi tekniċi – Sena finanzjarja 2021

Stampat	ISBN 978-92-76-51105-2	ISSN 2599-7084	doi:10.2761/762638	KV-AQ-22-003-EN-C
PDF	ISBN 978-92-76-51104-5	ISSN 2599-7092	doi:10.2761/064137	KV-AQ-22-003-EN-N

Ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE – Sena finanzjarja 2021, flimkien mal-annessi tiegħu, huwa l-kontribut ewlieni tal-Kummissjoni għall-proċedura ta' kwittanza annwali <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jifflu bir-reqqa l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Jissodisfa l-obbligi tal-Kummissjoni skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup> u r-regolament finanzjarju <sup>(3)</sup>. L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE hija responsabbiltà kondiviża. Il-Kummissjoni taħdem id f'id mal-Istati Membri u ma' sħab u ma' organizzazzjonijiet oħrajn.

Ir-rapport huwa magħmul minn tliet volumi, kif deskritt hawn taħt.

- Il-Volum I jipprovdi l-fatti u l-kisbiet ewlenin relatati mal-ġestjoni baġitarja għall-2021.
- Il-Volum II jippreżenta stampa aktar komprensiva tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. L-Anness 1 jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE fl-2021. L-Anness 2 jipprovdi ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-kontroll intern u l-ġestjoni finanzjarja. L-Anness 3 ikopri l-aspetti tal-prestazzjoni u tal-konformità tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
- Il-Volum III fih annessi tekniċi li jappoġġaw ir-rapport. Jinkludi l-Anness 4, b'informazzjoni dettaljata dwar il-prestazzjoni ta' kull programm individwali fil-“Ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni tal-programmi”.

Dan ir-rapport huwa parti mill-pakkett integrat usa' ta' rapportar finanzjarju u tal-akkontabilità <sup>(4)</sup>, li jinkludi wkoll il-kontijiet annwali konsolidati <sup>(5)</sup>, previżjoni fit-tul ta' flussi futuri ta' dħul u ta' ħruġ li jkopru l-5 snin li jmiss <sup>(6)</sup>, ir-rapport dwar l-awditi interni <sup>(7)</sup> u r-rapport dwar is-segwitu għall-kwittanza <sup>(8)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> Il-proċedura annwali ta' kwittanza hija l-proċedura li permezz tagħha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jagħtu l-approvazzjoni finali tagħhom għall-implimentazzjoni tal-baġit għal sena speċifika u jżommu lill-Kummissjoni politikament responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE ([https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/eu-budget/how-it-works/annual-lifecycle/assessment/parliaments-approval\\_mt](https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/eu-budget/how-it-works/annual-lifecycle/assessment/parliaments-approval_mt)).

<sup>(2)</sup> L-Artikolu 318 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(3)</sup> L-Artikoli 247(1)(b) u 247(1)(e) tar-regolament finanzjarju.

<sup>(4)</sup> L-Artikolu 247 tar-regolament finanzjarju.

<sup>(5)</sup> L-Artikolu 246 tar-regolament finanzjarju.

<sup>(6)</sup> L-Artikolu 247(1)(c) tar-regolament finanzjarju.


<sup>(7)</sup> L-Artikolu 118(8) tar-regolament finanzjarju.

<sup>(8)</sup> L-Artikolu 261(3) tar-regolament finanzjarju.

## Sabiex tilqa' għall-isfida: L-UE tinvesti f'futur aktar ekoloġiku, aktar diġitali u reżiljenti

**Fl-2021, l-UE bagħtet sinjal ta' solidarjetà u ta' saħħa, sabiex tiġġieled il-kriżi mingħajr preċedent.** Is-solidarjetà kienet kruċjali għall-konteniment tal-pandemija tal-COVID-19 u għall-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tagħha. Rajna l-akbar u l-aktar introduzzjoni rapida ta' tilqim fl-istorja tal-UE, wara l-akkwist komuni tal-vaċċini permezz tal-użu innovattiv tal-baġit tal-UE permezz tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza. Il-baġit tal-UE ffinanzja wkoll l-infrastruttura għall-ħruġ u għall-verifika taċ-ċertifikati diġitali tal-COVID-19, li stabbilixxa standard ferm lil hinn mill-fruntieri tal-UE. L-UE appoġġat liċ-ċittadini u lin-negozji sabiex jegħlbu l-konsegwenzi tal-kriżi. Fl-istess ħin, hija rreaġixxiet għall-isfidi globali.

**L-UE rnexxielha mhux biss tegħleb il-kriżi iżda taħtaf ukoll l-opportunitajiet li rriżultaw minnha.** Il-baġit tal-UE jagħmel lill-Ewropa lesta għall-futur billi jantiċipa r-rispons tagħha għall-isfidi kruċjali tal-azzjoni klimatika u tad-diġitalizzazzjoni. Jinvesti f'futur aktar sostenibbli u reżiljenti għall-UE u għall-Istati Membri tagħha. Flimkien mal-qafas finanzjarju pluriennali tal-2021-2027, l-Istrument għall-irkupru dedikat NextGenerationEU jinsab fil-qalba tal-azzjoni kollettiva tal-UE. B'pakkett rekord ta' stimolu ta' aktar minn EUR 2 triljun, l-ekonomija tal-UE bdiet tirpilja fl-2021 – aktar malajr milli kien mistenni.



Il-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE għall-2021-2027 u NextGenerationEU. L-ammonti kollha huma f'biljuni ta' EUR, bil-prezzijiet kurrenti.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

**NextGenerationEU taħdem bis-saħħa ta' approċċ imfassal apposta u orjentat lejn il-prestazzjoni.** B'daq mingħajr preċedent sa EUR 807 biljun <sup>(9)</sup>, NextGenerationEU żied drastikament il-kapaċitajiet tal-baġit tal-UE. Il-programm ewlieni tiegħu, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, huwa għodda unika u innovattiva għall-finanzjament tal-investimenti u tar-riformi. L-Istati Membri jissottomettu l-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, li jinkludu riformi u investimenti li jwieġbu għas-sitt oqsma ta' politika wisgħin fi ħdan l-ambitu tal-faċilità, għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi adottati mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u għall-miri ekoloġiċi u diġitali. Il-finanzjament ipprovdut taħt il-faċilità jiddependi mill-implimentazzjoni b'suċċess tal-investimenti u tar-riformi li jinsabu fil-pjanijiet, f'konformità mal-enfasi fuq il-prestazzjoni tal-baġit fit-tul il-ġdid (ara l-kaxxa ta' hawn taħt). Sal-aħħar tas-sena ġew adottati tnejn u għoxrin pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza.

#### **Il-baġit fit-tul u NextGenerationEU: il-baġit tal-UE jiffoka fuq l-ilħuq tal-oġġettivi**

Il-prestazzjoni u r-riżultati huma fil-qalba tal-baġit fit-tul il-ġdid u ta' NextGenerationEU. Il-programmi l-ġodda tfasslu sabiex jagħtu riżultati tanġibbli fil-prattika. Fil-każ tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-pagamenti huma espliċitament marbutin mal-ilħuq tal-oġġettivi intermedji u tal-miri mill-Istati Membri. Barra minn hekk, kull programm tal-UE fih oġġettivi ċari u ambizzjużi u indikaturi relatati li jgħinu sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu dawn l-oġġettivi. F'Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni li tiddekrivi l-qafas il-ġdid ta' prestazzjoni <sup>(10)</sup>.

Il-baġit fit-tul il-ġdid ipprovda wkoll l-opportunità sabiex tiġi rrieżaminata l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Jeħtieġ li l-programmi jiżguraw approċċ aktar integrat għall-isfidi tal-politika, pereżempju l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jiġbor flimkien il-biċċa l-kbira tal-programmi ta' azzjoni esterna preċedenti tal-UE fi ħdan il-baġit tal-UE. Eżempju ieħor huwa t-fassil mill-ġdid tal-aġenziji eżekuttivi, li bih il-Kummissjoni stabbiliet aġenziji ġodda sabiex jallinjaw bis-siġħ il-portafolli tagħhom mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Kummissjoni u jisfruttaw is-sinerġiji bejn il-programmi u l-politiki (bħall-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea l-ġdida għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali).

**L-UE pprovdiet likwidità lill-Istati Membri billi użat ir-riżorsi baġitarji kollha li kellha għad-dispożizzjoni.** Permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-Istati Membri rċievew EUR 64 biljun fl-2021 – l-aktar fil-forma ta' prefinanzjament għall-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza għal dawk l-Istati Membri bi pjanijiet approvati <sup>(11)</sup>. L-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni aċċellerat fl-2021 u tħallas ammont rekord ta' EUR 69 biljun lill-Istati Membri. Dan kien ukoll bis-saħħa tar-reazzjoni rapida għall-kriżi tal-COVID-19. L-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus, stabbiliti fl-2020, ippermettew il-mobilizzazzjoni kompletament flessibbli tal-fondi kollha li kien fadal fil-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-2014-2020. EUR 23 biljun ġew riallokati lis-settur tas-saħħa u għal miżuri li jindirizzaw l-effetti tal-kriżi. Fl-aħħar nett, permezz ta' finanzjament addizzjonali minn NextGenerationEU permezz ta' REACT-EU, tħallsu EUR 7 biljun addizzjonali, li wassal sabiex l-Istati Membri jirċievu total ta' EUR 140 biljun f'likwidità fl-2021.

**Lil hinn mil-likwidità, il-baġit tal-UE huwa veikolu għas-solidarjetà Ewropea.** Minbarra l-pandemija tal-COVID-19, diżastri naturali bħan-nirien fil-foresti kkawżati min-nixfa u l-għargħar serju ħallew konsegwenzi kbar fuq ħafna Stati Membri. Permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, l-UE pprovdiet EUR 332 miljun f'għajjuna immedjata f'każ ta' diżastru lill-Istati Membri affettwati. Fl-2021, il-mekkaniżmu ġie attivat 114-il darba. Fl-2022, il-gwerra fl-Ukrajna diġà tat bidu għall-akbar operazzjoni ta' emerġenza sa mill-ħolqien tal-mekkaniżmu.

<sup>(9)</sup> EUR 807 biljun bil-prezzijiet kurrenti, EUR 750 biljun bil-prezzijiet tal-2018.

<sup>(10)</sup> [https://ec.europa.eu/info/publications/communication-eu-budget-performance-framework-2021-2027\\_mt](https://ec.europa.eu/info/publications/communication-eu-budget-performance-framework-2021-2027_mt)

<sup>(11)</sup> Għad-dettalji, ara l-Anness 3.

**L-isforz ta' rkupru huwa mmirat lejn il-bini ta' futur aktar ekoloġiku u aktar diġitali.** L-UE żiedet l-ambizzjoni tagħha għall-finanzjament relatat mal-klima għal 30 % tal-baġit ġenerali tal-UE, inkluż NextGenerationEU, li jirrifletti wkoll l-impenji globali tal-UE, inklużi l-Ftehim ta' Pariġi u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli. Taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tal-anqas 37 % tal-finanzjament imur lejn investimenti u riformi li jindirizzaw it-tibdil fil-klima u tal-anqas 20 % lejn il-proseguwiment ulterjuri tat-tranżizzjoni diġitali. Ħafna mill-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza adottati sal-aħħar tal-2021 jisbqu dawn ir-rekwiżiti minimi, u juru l-impenn kondiwiż għat-tranżizzjonijiet doppji - klimatiċi u diġitali - madwar l-UE. B'mod ġenerali, l-Istati Membri impenjaw madwar 40 % tal-finanzjament sabiex jindirizzaw it-tibdil fil-klima u madwar 26 % għall-proseguwiment tat-tranżizzjoni diġitali. Is-sostituzzjoni tal-enerġija fossili u t-tranżizzjoni diġitali huma kruċjali – mhux biss sabiex noħorġu aktar b'saħħitna mill-pandemija iżda wkoll sabiex insaħħu l-awtonomija strateġika miftuħa tagħna u sabiex nifilħu għall-impatt tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-prijoritajiet ewlenin huma enfasizzati fil-kaxxa ta' hawn taħt.

#### **It-tranżizzjonijiet doppji taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: il-prijoritajiet ewlenin għall-klima u għall-qasam diġitali**

- Fir-rigward tal-mitigazzjoni u tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima, madwar tliet kwarti tal-finanzjament huwa ffokat fuq it-tranżizzjoni enerġetika u fuq il-bini ta' trasport sostenibbli. Sabiex tintlaħaq in-newtralità karbonika sal-2050, l-enfasi hija kemm fuq iż-żieda fil-provvista tal-enerġija minn sorsi nodfa kif ukoll fuq it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija b'mod ġenerali. L-oqsma ta' investiment jinkludu l-bini tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u ħafna proġetti li jiffokaw fuq l-effiċjenza enerġetika, pereżempju billi tittejjeb il-kwalità tal-bini u tal-iżolament.
- Sabiex jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali u jindirizzaw l-isfidi tagħha, ir-riformi u l-investimenti f'dan il-qasam imorru għall-bini ta' servizzi pubbliċi diġitali (37 %), għaż-żieda fil-livell tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (20 %), u l-għoti tal-ħiliet diġitali neċessarji lin-nies sabiex jipparteċipaw f'dawn il-bidliet (17 %) <sup>(12)</sup>. F'konformità mal-komunikazzjoni tad-deċennju diġitali <sup>(13)</sup>, li tidentifika l-importanza tas-servizzi pubbliċi diġitali, il-miżuri jinkludu soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku għall-modernizzazzjoni u għat-titjib tal-proċessi tal-amministrazzjoni pubblika, pereżempju permezz tal-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' identifikazzjoni elettronika fil-proċessi tal-gvern u l-iżgurar tal-interoperabilità f'diversi pjattaformi pubbliċi diġitali.

**Għall-ewwel darba, l-għanijiet ġenerali ewlenin tal-politika tal-UE – bħall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima – huma integrati bis-siġħ fil-programmi baġitarji tal-UE.** Bħala parti mill-pakkett tar-*Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE*, il-Kummissjoni qiegħda tippreżenta l-metodoloġiji użati sabiex tiġi segwita l-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għal tliet għanijiet ta' politika bħal dawn.

- Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, fejn il-metodoloġija ta' traċċar aġġornata tiddependi fuq klassifikazzjoni tal-interventi bbażata fuq l-effett. Dan ġie stabbilit b'mod konsistenti fl-atti bażiċi ewlenin kollha.
- It-twaqqif u t-treġġiġiħ lura tat-telfien tal-bijodiversità, f'liema każ il-metodoloġija ta' trekkjar ġiet aġġornata fil-biċċa l-kbira b'mod simili.
- It-tiġiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, f'liema każ qiegħda tiġi applikata metodoloġija pilota, li tirrifletti l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-baġit tal-UE għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi b'mod pożittiv għat-tiġiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

<sup>(12)</sup> In-numri jikkorrispondu għall-kalkoli bbażati fuq il-metodoloġiji stabbiliti fl-Annessi VI u VII tar-regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.


<sup>(13)</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0118>

**L-UE wieġbet għal sfidi globali diversi billi użat il-baġit tal-UE b' mod effettiv u flessibbli.**

Sabiex twieġeb għad-diskrepanza strutturali fl-investiment globalment, l-UE nediet l-inizjattiva Global Gateway. L-inizjattiva timmobilizza EUR 300 biljun bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE, f'approċċ ta' Tim Ewropa, filwaqt li tappoġġa l-investimenti fl-infrastruttura diġitali, tal-enerġija u tat-trasport u ssaħħaħ is-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka. L-indirizzar ta' ħtiġijiet aktar immedjati, il-forniment ta' vaċċini tal-COVID-19 lil pajjiżi mhux tal-UE u l-appoġġ għal soluzzjonijiet għall-kriżi tar-refuġjati kkawżati mill-iżviluppi fl-Afganistan u fis-Sirja ħadu post ċentrali. Il-ftehim baġitarju li jakkumpanja l-pakkett dwar ir-refuġjati Sirjani fil-ħarifa tal-2021 kien objettiv intermedju importanti. Sadanittant, fl-2021 diġà kienet bdiet titkebbes it-tensjoni fil-fruntieri tal-Lvant tal-UE, hekk kif il-movimenti migratorji ġew strumentalizzati sabiex tinxteħet pressjoni politika fuq l-UE. F'termini baġitarji, dawn id-diversi sfidi kienu jeħtieġu riprijoritizzazzjoni proattiva u l-użu estensiv tal-flessibbiltà eżistenti. Id-dimensjoni esterna kienet tammonta għal EUR 0,9 ta' biljun, l-akbar parti miż-EUR 2 biljun fit-tiġid baġitarju użat fl-2021.

**Fil-punt ta' tranżizzjoni bejn il-baġits fit-tul, il-programmi tal-UE taħt il-baġit tal-2014-2020**

**komplew jiġu implimentati u jwasslu riżultati għaċ-ċittadini tal-UE.** Il-baġit tal-UE huwa primarjament baġit ta' investiment, iffokat fuq l-għoti ta' valur fit-tul lill-UE. Ħafna programmi komplew jagħmlu progress lejn il-miri ta' prestazzjoni rispettivi tagħhom. Il-graff ta' hawn taħt turi li għall-programmi li jammontaw għal 85 % tal-baġit tal-UE, il-maġġoranza l-kbira tal-indikaturi tal-prestazzjoni jinsabu fit-triq it-tajba. L-Annessi 1 u 4 ta' dan ir-rapport jipprovdu aktar dettall dwar il-programmi individwali u l-prestazzjoni tagħhom.



Diżaggregazzjoni tal-baġit tal-2014-2020 skont il-progress tal-programmi sottostanti. Il-graff turi l-progress kif imkejjel mis-sehem tal-indikaturi magħżulin għall-ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni tal-programm li ssodisfaw jew li jinsabu fit-triq it-tajba sabiex jilħqu l-miri rispettivi tagħhom. Pereżempju, turi li għall-programmi li jirrappreżentaw 60 % tal-baġit tal-2014-2020, l-indikaturi kollha laħqu jew jinsabu fit-triq it-tajba sabiex jilħqu l-miri rispettivi tagħhom.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

## Kapaċità ta' self mill-aktar avvanzata tippermetti lil NextGenerationEU jikseb ir-riżultati

**Sabiex tiffinanzja NextGenerationEU, il-Kummissjoni stabbiliet programm effiċjenti għall-emissjoni ta' bonds fil-ħin tar-rekord.** Hekk kif bdiet tħaddem il-programm mhux qabel il-bidu tal-2021, il-Kummissjoni ħarġet l-ewwel bond fil-15 ta' Ġunju 2021 fost entużjażmu qawwi u domanda rekord. Sa tmiem l-2021, il-Kummissjoni kienet iġġenerat kważi EUR 93,5 biljun f'finanzjament fit-tul, ikkumplementat minn Kambjali tal-UE għal terminu qasir, sabiex tiffinanzja l-ewwel żborżi pplanati lill-Istati Membri taħt NextGenerationEU. Dawn il-bonds ġodda tal-UE ntlagħqu tajjeb ħafna mis-swieq, parzjalment minħabba li ħadu r-rwol ta' assi sikur denominat fl-euro, xi ħaġa li s-suq kien ilu jittlob żmien. Il-kost tas-self fl-2021 għal self fuq 10 snin kien fil-biċċa l-kbira negattiv, u ferm taħt il-medja tal-kostijiet tas-self ta' Stati Membri individwali.

**NextGenerationEU jirrifletti wkoll l-għanijiet politiċi tagħna f'termini ta' strateġija ta' finanzjament, peress li qegħdin noħorġu sa EUR 250 biljun bħala bonds ekoloġiċi.** Il-

Kummissjoni ppubblikat il-pjan ta' azzjoni għall-programm tagħha ta' bonds ekoloġiċi, il-Qafas ta' Bonds Ekoloġiċi ta' NextGenerationEU (14) f'Settembru 2021. Dan il-qafas jiddeskrivi l-arranġamenti u l-kundizzjonijiet tal-bonds ekoloġiċi tagħha f'konformità mal-aħjar prattiki tas-suq. Ġie ċertifikat minn esperti esterni, li pprovdew aċċertament lill-investituri prospettivi li r-rikavati mill-emissjonijiet ta' bonds ekoloġiċi tal-UE se jintużaw sabiex jifinanzjaw investimenti u riformi ekoloġiċi leġittimi.

**L-ewwel emissjoni ta' bonds ekoloġiċi ta' NextGenerationEU kien suċċess f'ħafna aspetti.** Bi EUR 12-il biljun miġburin f'Ottubru 2021, l-ewwel emissjoni tal-UE kien l-akbar emissjoni ta' bonds ekoloġiċi madwar id-dinja sal-lum. Il-fatt li kien sottoskritt 11-il darba akbar mill-allokkazzjoni wera domanda għolja tas-suq għal assi bħal dan. Dawn il-bonds ekoloġiċi jikkontribwixxu wkoll għall-aċċellerazzjoni ta' ċirku virtuż li jipprovdni finanzjament għal investimenti sostenibbli. Wara l-ewwel emissjoni, fl-2021 il-Kummissjoni ġabret EUR 2,5 biljun oħrajn minn bonds ekoloġiċi taħt il-programm ta' bonds ekoloġiċi tal-UE, u EUR 6 biljun sal-aħħar ta' Mejju 2022. Matul is-snin li ġejjin, dan il-programm huwa mistenni li jibdel l-UE fl-akbar emittent dinji ta' bonds ekoloġiċi, u jagħti spinta lill-finanzjament ekoloġiku b'mod aktar ġenerali u jsaħħaħ l-attrazzjoni tal-euro għall-investituri globali, u b'hekk ir-rwol internazzjonali tal-munita.

**Minkejja l-kundizzjonijiet esiġenti tas-suq fl-2022, l-emissjonijiet ta' bonds tal-UE baqgħu mfittxijin.** Minħabba l-invażjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Ukrajna mir-Russja u l-klima ekonomika usa', dan l-aħħar is-swieq tal-bonds sfaw taħt pressjoni sinifikanti. Minkejja dawn il-kundizzjonijiet ta' sfida, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda diffikultà li toffri aktar bonds fis-suq, anki jekk il-kostijiet tas-self żdiedu b'mod allinjat mal-kundizzjonijiet tas-suq li saru aktar diffiċli b'mod ġenerali. Il-flessibbiltà pprovduta mill-istrateġija ta' finanzjament diversifikata tal-Kummissjoni tippermetti lill-Kummissjoni tkompli l-programm ta' finanzjament tagħha b'mod kosteffettiv. Il-bonds ekoloġiċi ta' NextGenerationEU komplew jaraw domanda eċċellenti u feedback pożittiv, parzjalment minħabba l-pubblikazzjoni tad-Dashboard tal-Bonds Ekoloġiċi (15).

## Wara 2021 impenjattiva, il-pressjonijiet fuq il-baġit tal-UE se jkomplu jiżdiedu fl-2022

**L-adozzjoni tard tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-2021-2027 tat lok għal sfidi serji fl-2021.** L-atti legali li jstabbilixxu l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi ġew adottati biss mill-koleġiżlaturi matul l-2021. Madankollu, bis-saħħa ta' ħidma preparatorja intensiva, il-Kummissjoni setgħet tniedi ħafna mill-programmi mingħajr aktar dewmien, b'mod partikolari dawk ġestiti direttament mill-istituzzjoni nnifisha. F'ġestjoni kondiviża, l-adozzjoni tard tar-regolament dwar dispożizzjonijiet komuni, li jstabbilixxi l-qafas regolatorju għal programmi taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri (bħall-fondi tal-politika ta' koeżjoni), kienet tfisser li l-implimentazzjoni tal-programmi l-ġodda ma setgħetx tibda fl-2021, minkejja li bdew it-tfejjijiet fil-prattika. Filwaqt li l-baġit tal-2021 ġie riportat għas-snin futuri, il-Kummissjoni qiegħda taħdem b'mod intensiv mal-Istati Membri sabiex tadotta ftehimiet u programmi ta' sħubija mill-aktar fis possibbli.

**L-enfasi tal-politika ta' koeżjoni fuq il-ġlieda kontra l-COVID-19 ippermettiet lill-UE tirreaġixxi malajr.** Il-flessibbiltà addizzjonali introdotta fil-finanzjament ta' koeżjoni ppermettiet lill-UE tipprovdni likwidità lill-Istati Membri malajr ħafna billi taċċellera l-pagamenti b'mod sinifikanti. Filwaqt li r-

(14) [https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/about\\_the\\_european\\_commission/eu\\_budget\\_nextgenerationeu\\_green\\_bond\\_framework.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/about_the_european_commission/eu_budget_nextgenerationeu_green_bond_framework.pdf)

(15) [https://ec.europa.eu/info/strategy/eu-budget/eu-borrower-investor-relations/nextgenerationeu-green-bonds/dashboard\\_mt](https://ec.europa.eu/info/strategy/eu-budget/eu-borrower-investor-relations/nextgenerationeu-green-bonds/dashboard_mt)

ridirezzjonar tal-finanzjament ta' koeżjoni kien indispensabbli sabiex jingħata appoġġ lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-ħtiġijiet immedjati ta' kriżi fis-settur tas-saħħa, fl-impjegji u fin-negozju, b'mod partikolari tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, dan kien ifisser li l-appoġġ ġie ddevjat temporanjament minn xi prijoritajiet ta' investiment ta' terminu twil. REACT-EU, li tneġġi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ipprovdiet opportunità sabiex tikkumpensa għal tali riprijoritizzazzjoni fuq terminu qasir tal-finanzjament ta' koeżjoni, billi ppermettiet it-tkomplija tal-proġetti li qabel kienu twaqqfu minħabba ħtiġijiet ta' emerġenza.

**L-2022 se tkun sena oħra ta' inċertezza u ta' sfidi, inkluż għall-baġit tal-UE.** L-invażjoni mir-Russja tal-Ukrajna fl-2022 ġabet magħha dinamika kbira ġdida li għandha implikazzjonijiet profondi għall-Ukrajna kif ukoll għall-UE u għall-ekonomija u għas-soċjetà tagħha. Fl-istess ħin, qegħdin naffaċċjaw diversi sfidi oħrajn: il-pandemija għadha ma għaddietx, jistgħu jitfaċċaw varjanti ġodda, u l-viġilanza kontinwa hija essenzjali. L-inflazzjoni laħqet livelli li ilhom ma jidheru għexieren ta' snin, u b'hekk naqqset il-kapaċità finanzjarja effettiva tal-baġit tal-UE, li huwa aġġornata b'deflatur fiss ta' 2 % – ferm anqas mil-livell attwali tal-inflazzjoni. It-tensjonijiet fil-katina tal-provvista qegħdin jikkontribwixxu għal pressjonijiet inflazzjonarji għoljin u qegħdin jaffettwaw l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE f'oqsma bħall-mikroċipep. In-numru ta' diżastri naturali jidher li qiegħed jiżdied.

**Dan se jagħmel pressjoni ulterjuri fuq il-baġit tal-UE u fuq il-ġestjoni u fuq l-implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li jenfasisza l-ħtieġa imperattiva ta' aġenda ffokata fuq il-bini tar-reżiljenza.**


Minħabba l-livell għoli ta' inċertezza rigward l-evoluzzjoni tal-gwerra fl-Ukrajna, bħalissa huwa impossibbli li jiġu smati l-ammonti ta' finanzjament meħtieġa fl-Ukrajna u fl-UE. Madankollu, dawn il-ħtiġijiet se jkunu sinifikanti. Kmieni fl-2022, il-Kummissjoni ffokat fuq l-għoti ta' għajjnuna immedjata lill-Ukrajna u lin-nies li qegħdin jaħrabu mill-pajjiż. Sal-aħħar ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni diġà kienet żborżat il-baġit kollu ta' EUR 1,2 biljun <sup>(16)</sup> mill-programm il-ġdid ta' assistenza makrofinanzjarja ta' emerġenza għall-Ukrajna. Pakkett ta' emerġenza ta' aktar minn EUR 550 miljun mill-baġit tal-UE pprova aktar appoġġ, li jikkombina diversi miżuri bħall-assistenza ta' emerġenza u umanitarja u kuntratt għall-bini tal-istat u għat-tisħiħ tar-reżiljenza. Barra minn hekk, il-baġit tal-UE issa qiegħed jimmobilizza EUR 800 miljun kif imwiegħed fid-9 ta' April u fil-5 ta' Mejju. Fit-18 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet li l-Ukrajna tingħata assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali ġdida fl-2022 fil-forma ta' self sa EUR 9 biljun.

**Sabiex jassisti lill-Istati Membri, fuq proposta mill-Kummissjoni, il-koleġiżlaturi qablu li jestendu l-flessibbiltajiet tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-2014-2020 li jifdal, inklużi l-fondi ta' REACT-EU, u tal-affarijiet interni.** Filwaqt li kien neċessarju b'mod kruċjali sabiex jiġu pprovduti likwidità u appoġġ, dan kien jiddependi wkoll fuq ir-ridirezzjonar tal-interventi ffinanzjati mill-programmi ta' koeżjoni u tal-affarijiet interni tal-2014-2020, li jinvolvu l-isfidi operazzjonali msemmijin hawn fuq.

**Filwaqt li ntużat parti sostanzjali mill-finanzjament li saret disponibbli permezz ta' ġestjoni flessibbli tal-baġit, l-ammonti li jifdal jeħtieġ li jindirizzaw żewġ kriżijiet kbar.** Il-graff ta' hawn taħt turi li, fil-bidu tal-2021, eskluża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kien disponibbli massimu ta' EUR 242 biljun għall-indirizzar tad-diversi sfidi, jiġifieri l-effetti interni fl-UE tal-COVID-19. Fil-bidu tal-2022, kien hemm massimu ta' EUR 174 biljun disponibbli għar-rispons kemm għall-effetti li għaddejjin tal-COVID-19 kif ukoll għall-indirizzar tal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna. Dawn l-ammonti huma limiti massimi, u l-ammonti li fil-fatt huma disponibbli huma anqas. Skont il-politika ta' koeżjoni, inkluża REACT-EU, l-ammonti disponibbli bħalissa li ma jeħtieġux riallokazzjonijiet minn prijoritajiet oħrajn u li jistgħu jintużaw sabiex jindirizzaw l-impatt ekonomiku tal-COVID-19 jew in-nefġiet sabiex jiġu akkomodati r-rifumaturi mill-Ukrajna taħt CARE – l-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa jammontaw għal EUR 17-il biljun, u għalhekk kwalunkwe kontribuzzjoni lil hinn

<sup>(16)</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip\\_22\\_3183](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_3183)

minn dawk is-EUR 17-il biljun tkun teħtieġ ridirezzjoni minn prijoritajiet ta' politika oħrajn. Barra minn hekk, il-flessibbiltà baġitarja fit-tul tkopri ammonti ta' 7 snin, li għalhekk ma humiex disponibbli għal sena waħda.



Riżorsi disponibbli minn mekkaniżmi ta' flessibbiltà dedikati u permezz ta' użu flessibbli tal-finanzjament ta' koeżjoni. L-ammonti kollha huma f'biljuni ta' EUR.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

**Il-marġini annwali u l-flessibbiltà fil-baġit fit-tul tal-UE huma żgħar meta mqabblin mal-baġit annwali.** Meħudin flimkien, il-marġini u l-istrumenti ta' flessibbiltà taħt il-baġit fit-tul il-ġdid fuq it-terminu sħiħ ta' 7 snin jammontaw għal massimu ta' EUR 22 biljun, jew għal madwar EUR 3 biljun fis-sena. It-tqabbil ta' dak in-numru ma' baġit annwali ta' madwar EUR 170-180 biljun jipprovdi flessibbiltà ta' anqas minn 2 %. Il-Kummissjoni setgħet timmobilizza ammonti sinifikanti ta' likwidità fl-2021 primarjament għaliex għamlet il-fondi eżistenti tal-politika ta' koeżjoni tal-2014-2020 aktar flessibbli u bis-saħħa tal-preżenza ta' NextGenerationEU. Ladarba ntużaw, dawn l-alternattivi ma baqgħux disponibbli, u b'hekk naqqsu b'mod sinifikanti l-lok għal manuvri fil-baġit tal-UE. Id-dipendenza fuq riallokazzjonijiet fuq skala ta' fondi minn programmi eżistenti tkun teħtieġ għażliet politiċi, peress li din ikollha impatt fuq il-kapaċità fit-tul tal-baġit tal-UE sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet politiċi ddikjarati fl-oġettivi tal-programmi individwali.

**Barra minn hekk, l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna qiegħda tikkawża sfidi li għalihom għadhom ma jeżistux soluzzjonijiet baġitarji fit-tul.** L-appoġġ kollu pprovdut sa issa ffoka fuq l-indirizzar tal-ħtiġijiet immedjati ġġenerati mill-wasla ta' numru kbir ta' refuġjati mill-Ukrajna fl-UE u fuq l-għoti ta' appoġġ umanitarju u ta' appoġġ ieħor lill-Ukrajna u lill-pajjiżi ġirien. Madankollu, il-gwerra kontra l-Ukrajna se jkollha impatti sinifikanti ferm lil hinn mis-sitwazzjoni umanitarja u ta' sigurtà immedjata. L-Ukrajna se jkollha bżonn sserraħ fuq l-appoġġ internazzjonali matul il-gwerra u sabiex terġa' tibni l-pajjiż aktar tard, u teħtieġ sforz sinifikanti ħafna li jwassal għal ħtiġijiet finanzjarji kbar kemm fuq it-terminu qasir kif ukoll fit-tul. Sfidi ġodda bħall-inflazzjoni għolja, is-sigurtà tal-enerġija, is-sigurtà tal-ikel u effetti sekondarji oħrajn jeħtieġu wkoll soluzzjonijiet baġitarji fil-livell tal-UE. Dawn il-ħtiġijiet imprevisi maħluqin minn gwerra fl-Ewropa huma ferm lil hinn mill-mezzi disponibbli fil-qafas finanzjarju pluriennali attwali u f'NextGenerationEU. Għalhekk, se jkollhom jiġu identifikati sorsi ġodda ta' finanzjament.

**Fit-18 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet REPowerEU – pjan sabiex titnaqqas malajr id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi.** REPowerEU <sup>(17)</sup> jipproponi sett addizzjonali ta' azzjonijiet għall-iffrankar tal-enerġija, għall-produzzjoni tal-enerġija nadifa u għad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija tagħna, bl-għan finali li tinkiseb sistema tal-enerġija aktar reżiljenti u unjoni tal-enerġija propja. Il-Kummissjoni pproponiet li REPowerEU jiġi implimentat permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u pproponiet numru ta' sorsi ta' finanzjament sabiex issaħħaħ il-finanzjament għall-faċilità għal dan l-għan, inkluż l-użu mill-ġdid ta' fondi minn programmi eżistenti u l-ħolqien ta' riżorsi addizzjonali ġodda.

## Hemm għodod effettivi fis-seħħ sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba

**Sabiex isir l-aħjar użu possibbli mill-flus tal-kontribwenti, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-finanzjament jilħaq lill-benefiċjarji maħsubin f'konformità mar-regoli applikabbli.** Sabiex tilħaq dan l-objettiv, il-Kummissjoni tibbaża fuq numru ta' għodod, li wrew li huma adegwati għall-użu matul is-snin.

**Is-sistema ta' governanza u l-katina ta' responsabbiltà tal-Kummissjoni huma mfasslin għall-istruttura u għar-rwol uniċi tagħha.** Il-Kulleġġ tal-Kummissarji huwa politikament responsabbli mill-ġestjoni tal-baġit tal-UE. Huwa jiddelega l-ġestjoni operazzjonali ta' kuljum lill-51 uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delega <sup>(18)</sup>, li jimmaniġġaw u jmexxu d-dipartimenti tagħhom u huma akkontabbli għas-sehem tal-baġit tal-UE implimentat fid-dipartiment tagħhom. Ir-rapporti annwali tal-attività tagħhom fihom dikjarazzjoni ta' aċċertament dwar l-użu tar-riżorsi assenjati lilhom, li jistgħu jikkwalifikaw b'riżervi f'każ ta' dgħufijiet.

**Il-qafas ta' kontroll intern tal-Kummissjoni huwa salvagwardja essenzjali għall-operazzjonijiet tal-Kummissjoni.** Dan huwa aktar u aktar il-każ fil-kuntest tal-pandemija u tal-miżuri ta' rispons li rriżultaw. FI-2021, il-Kummissjoni kompliet timmonitorja mill-qrib ir-riskji li jirriżultaw mill-pandemija u l-mitigazzjoni effettiva tagħhom. L-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi kompliet taqdi rwol sinifikanti fil-prevenzjoni tal-użu ħażin possibbli tal-fondi tal-UE.

**FI-2021, id-dipartimenti rilevanti xeħtu enfasi partikolari fuq l-adattament tas-sistemi ta' kontroll intern tagħhom għall-ħtiġijiet ta' NextGenerationEU, kemm permezz tal-istabbiliment ta' politika ta' livell għoli dwar ir-riskju u l-konformità għall-attivitàjiet ta' għoti u ta' teħid ta' self jew billi jiffasslu strateġiji speċifiċi ta' awditjar u ta' kontroll għall-infiq taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.**

**Fi hndan il-qafas ta' kontroll intern tagħha, il-Kummissjoni tiddependi fuq strateġiji ta' kontroll pluriennali u differenzjati għar-riskju sabiex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi żbalji u dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll.** Il-programmi ta' nfiq tal-UE huma pluriennali sa mit-tifsila

<sup>(17)</sup> [https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal/repower-eu-affordable-secure-and-sustainable-energy-europe\\_mt](https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal/repower-eu-affordable-secure-and-sustainable-energy-europe_mt)

<sup>(18)</sup> It-terminu "uffiċjali tal-awtorizzazzjoni b'delega" jkopri diretturi ġenerali tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, il-kapijiet tal-aġenziji eżekuttivi, l-uffiċċji, is-servizzi, il-task forces, eċċ. L-Artikolu 74(1) tar-regolament finanzjarju jiddikjara li: "L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni għandu jkun responsabbli fl-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata għall-implimentazzjoni tad-dħul u tan-nefqa b'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, inkluż permezz tal-iżgurar ta' rappurtaġġ dwar il-prestazzjoni, u sabiex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' legalità u regolarità u ta' trattament indaqs tar-riċevituri."

tagħhom, u hekk ukoll l-istrateġiji ta' kontroll relatati. Dan jimplika li d-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji jstgħu jsejtnu fi kwalunkwe żmien sal-punt tal-għeluq fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja ta' programm. Barra minn hekk, l-istrateġiji ta' kontroll huma aġġustati għall-modi differenti ta' ġestjoni, għall-atturi involuti, għall-oqsma ta' politika u/jew għall-metodi ta' finanzjament u għar-riskji assoċjati. Din id-differenzjazzjoni tal-istrateġiji ta' kontroll hija neċessarja sabiex tiġi żgurata l-kosteffettività tagħhom, jiġifieri li jsibu l-bilanċ xieraq bejn livell baxx ta' żball (effettività), pagamenti veloċi (effiċjenza) u kostijiet raġonevoli (ekonomija).

**Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jwettqu mijiet ta' eluf ta' kontrolli kull sena.** Il-Kummissjoni tibni l-aċċertament tagħha minn isfel għal fuq u f'livell dettaljat, jiġifieri skont il-programm jew segment rilevanti ieħor tan-nefqa. Dan jippermetti lill-Kummissjoni tidentifika d-dgħufijiet u l-iżbalji, tidentifika l-għeruf ta' dak li jikkawża l-iżbalji sistemiċi, tiegħu azzjonijiet korrettivi mmirati u tiżgura li kwalunkwe tagħlima meħuda tiġi kkunsidrata fit-tfassil ta' programmi finanzjarji futuri.

FI-agrikoltura: 	Fil-koeżjoni: 
Saru aktar minn <b>900 000</b> verifika mill-Istati Membri u <b>97</b> awditu mill-Kummissjoni.	Il-Kummissjoni rrieżaminat ir-rapporti u l-opinjoni annwali għal <b>416</b> -il programm u wettqet <b>61</b> awditu.

## Ir-riżultati tal-kontroll tal-Kummissjoni jikkonfermaw li l-baġit tal-UE huwa protett sewwa

**Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni sabiex jipprevjenu u jikkoreġu dgħufijiet u żbalji.** Il-mekkaniżmi preventivi ewlenin tal-Kummissjoni jikkonsistu f'kontrolli u f'awditi *ex ante* (ara l-Anness 5 fil-Volum III), inklużi awditi tas-sistema sabiex jiġu identifikati dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tas-sħab ta' implimentazzjoni. Taħt ġestjoni kondiviża, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jwettqu wkoll verifiki u awditi. Meta l-mekkaniżmi ta' prevenzjoni ma jkunux effettivi, l-iżbalji li jaffettwaw in-nefqa tal-UE jiġu identifikati u kkoreġuti wara l-pagamenti tal-Kummissjoni mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.


### Il-kontrolli u l-awditi tal-Kummissjoni huma effettivi.

Bħala riżultat tal-kontrolli u tal-awditi tagħha, fl-2021 il-Kummissjoni implimentat miżuri preventivi u korrettivi għal ammont ta' EUR 1 063 miljun, li EUR 298 miljun minnhom kienu jirrappreżentaw miżuri preventivi, filwaqt li l-miżuri korrettivi implimentati kienu jammontaw għal EUR 765 miljun. Dan iġib l-ammont kumulattiv tal-miżuri preventivi u korrettivi implimentati għas-snin 2017 sal-2021 għal EUR 26 biljun. Barra minn hekk, l-Istati Membri nfushom implimentaw miżuri preventivi u korrettivi għal ammont totali ta' EUR 4 557 miljun fl-2021, parzjalment fuq il-bażi tal-awditi tal-Kummissjoni.

**B'mod ġenerali, ir-riskju fil-waqt tal-pagament huwa taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.** Il-Kummissjoni tistma li, wara l-kontrolli preventivi tagħha, il-livell ta' żball li jifdal – jiġifieri r-riskju fil-waqt

tal-pagament – huwa ta' 1,9 % <sup>(19)</sup>. Dan ir-riżultat huwa simili għal dak tal-2020. Minħabba l-karattru pluriennali tal-programmi ta' finanzjament, il-Kummissjoni tagħmel sforzi sostanzjali sabiex twettaq kontrolli wara l-pagamenti u sabiex tagħmel korrezzjonijiet sal-għeluq tal-programmi. Dawn l-isforzi huma riflessi fir-riskju stmat fl-għeluq <sup>(20)</sup>, li jikkorrispondi għar-riskju fil-waqt tal-pagament bit-tnaqqis tal-previżjoni tal-korrezzjonijiet futuri tal-Kummissjoni.

**Għall-2021, ir-riskju fl-għeluq huwa stmat għal 0,8 %.** Peress li dan huwa ferm taħt il-livell limitu ta' 2 % – użat ukoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri – il-Kummissjoni tqis li l-baġit kollu kemm hu huwa protett b'mod effettiv. Dan huwa kkonfermat mill-opinjoni tal-awditur intern <sup>(21)</sup>.



Riskji fil-waqt tal-pagament u fl-għeluq għall-Kummissjoni Ewropea għall-perjodu 2015-2021.

Sors: il-Kummissjoni Ewropea, ir-rapporti annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni għall-baġit tal-UE 2015-2021.


**Minkejja dan ir-riżultat ġenerali tajjeb, il-Kummissjoni tidentifika liema programmi għandhom livell ogħla ta' riskju, li jippermettilha tiffoka l-azzjoni tagħha fejn l-aktar li jkun hemm bżonn.** Bis-saħħa tal-analiżi dettaljata tagħha, il-Kummissjoni għandha evidenza robusta tal-livell ta' riskju

<sup>(19)</sup> Dan ir-riżultat ma jinkludix in-nefqa taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li għaliha r-riżultati tal-kontroll jiġu ddivulgati separatament fuq il-bażi ta' valutazzjoni kwalitattiva.

<sup>(20)</sup> Fil-każ tal-politika agrikola komuni, minflok jintuża t-terminu "ammont finali stmat f'riskju" sabiex jirrifletti aħjar il-fatt li ma hemm l-ebda punt ta' għeluq stabbilit għall-miżuri tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija.

<sup>(21)</sup> Ara l-Anness 2, it-Taqsima 3.2 "Ħidma tas-Servizz tal-Awditjar Intern u opinjoni ġenerali".

differenzjat għan-nefqa tal-UE. Fuq il-bażi tar-riskju fil-waqt tal-pagament, in-nefqa tinqasam f'segmenti ta' riskju aktar baxx (anqas minn 1,9 %), medju (bejn 1,9 % u 2,5 %) u ogħla (aktar minn 2,5 %). Għar-riżorsi naturali u għall-koeżjoni, din l-analiżi titwettag fil-livell tal-aġenziji tal-pagamenti u tal-programmi individwali fl-Istati Membri, li tippermetti li jintwera li s-sitwazzjoni tkun differenzjata skont il-programmi. Din tippermetti wkoll li l-Kummissjoni tkun tista' tindirizza dgħufijiet speċifiċi anke għal politiki li, meħudin globalment, ikollhom riskju baxx, bħall-politika agrikola komuni.



Il-kategorizzazzjoni tan-nefqa tal-Kummissjoni Ewropea f'segmenti ta' riskju ogħla; medju u aktar baxx, bħala perċentwali tat-total tan-nefqa rilevanti għall-2021.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

B'mod partikolari, dawn li għejjin jinvolvu nefqa b'riskju ogħla: xi programmi operazzjonali għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni li juru nuqqasijiet serji u/jew li għandhom rati ta' żball ogħla minn 2,5 %; il-programmi fil-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-aġenziji tal-pagamenti għall-pagamenti diretti relatati mal-agrikoltura, għall-miżuri tas-suq u għall-iżvilupp rurali li għandhom riskju fil-waqt tal-pagament ta' aktar minn 2,5 %; u nefqa relatata ma' għotjiet kumplessi fi programmi oħrajn ta' finanzjament. Meta l-livell ta' riskju jibqa' għoli, dan jiġi rrapportat b'mod trasparenti permezz tal-ħruġ ta' riżervi. Għall-2021, hemm 16-il riżerva b'impatt finanzjarju totali ta' EUR 987 miljun, li huwa anqas minn 1 % tan-nefqa totali. Dawn ir-riżervi huma fundamentali fil-katina tal-akkontabilità. Jispjegaw l-isfidi u d-dgħufijiet affaċċjati kif ukoll il-miżuri previsti sabiex dawn jiġu indirizzati.

**Minbarra l-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri, il-Kummissjoni qiegħda tieġu azzjoni sabiex tindirizza d-dgħufijiet li jwasslu għal riskji medji u ogħla.** Dawn jinkludu komunikazzjoni mmirata lejn il-benefiċjarji l-aktar suxxettibbli għall-iżbalji, użu aktar estensiv ta' forom simplifikati ta' għotjiet, kontrolli aħjar u bini tal-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali b'nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom.

## Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza daħlet fil-fażi ta' implimentazzjoni

**Stabbilita fil-bidu tal-2021, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija strument ġdid ibbażat fuq il-prestazzjoni, ta' natura eċċezzjonali u temporanja, għas-servizz tal-irkupru tal-UE.** B'pakkett totali ta' EUR 723,8 biljun (bil-prezzijiet attwali) – EUR 338 biljun f'għotjiet u EUR 385,8 biljun f'self – l-għan tagħha huwa li ttaffi l-impatt soċjali u ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 u tippromwovi rkupru fit-tul li jinkludi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-Istati Membri huma l-benefiċjarji tal-fondi, li jiġu żborżati skont l-ilħuq ta' objettivi intermedji u ta' miri predefiniti.

**Tnejn u għoxrin pjan ta' rkupru u reżiljenza ġew ivvalutati b'mod pożittiv mill-Kummissjoni u adottati mill-Kunsill fl-2021. Dawn il-pjanijiet jammontaw għal allokazżjoni totali ta' EUR 291 biljun f'finanzjament mhux ripagabbli u ta' EUR 154 biljun f'self.** Dawn il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tat-22 jinkludu total ta' aktar minn 3 700 miżura (li madwar terz minnhom huma riformi u żewġ terzi investimenti), flimkien ma' aktar minn 5 100 objettiv intermedju u miri li għandhom jintlaħqu sal-2026.

**Il-finanzjament jiġi żborżat f'diversi pagamenti parzjali mal-ilħuq tal-objettivi intermedji u tal-miri li għalihom ikunu ħadu impenn l-Istati Membri.** Fl-2021, il-Kummissjoni żborżat EUR 54 biljun f'pagamenti ta' prefinanzjament lil 20 Stat Membru <sup>(22)</sup>, li għenu sabiex tingħata spinta lill-implimentazzjoni tal-miżuri ta' investiment u ta' riforma deskritti fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni żborżat l-ewwel pagament għal objettivi intermedji u għal miri ta' EUR 10 biljun lil Spanja qabel tmiem l-2021, wara li rċiviet it-talba għall-pagament f'Novembru 2021.

**Peress li l-faċilità hija strument ibbażat fuq il-prestazzjoni, il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti magħmulin mill-Kummissjoni jiddependu fuq l-ilħuq attwali tal-objettivi intermedji u tal-miri.** L-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, inkluża l-verifika tal-konformità mad-dritt applikabbli tal-UE u dak nazzjonali. Għal dak l-għan, huma jistabbilixxu oqfsa ta' kontroll xierqa fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari bl-għan li jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess u jevitaw finanzjament doppju.

**B'riżultat ta' dan, l-enfasi tal-kontrolli tal-Kummissjoni hija fuq l-ilħuq sodisfaċenti tal-objettivi intermedji u tal-miri miftehmin. Sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba, il-Kummissjoni tibbaża fuq il-kontrolli tal-Istati Membri, u tikkomplimentahom kif ikun neċessarju fit-tliet stadji li ġejjin.**

- Matul il-valutazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Kummissjoni tivvaluta s-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri u tistieden lill-Istati Membri jinkludu objettivi intermedji addizzjonali fil-pjanijiet sabiex jindirizzaw id-dgħufijiet identifikati qabel l-ewwel pagament.
- Matul l-implimentazzjoni tal-faċilità, il-Kummissjoni tivvaluta jekk l-objettivi intermedji u l-miri ntlafqux b'mod sodisfaċenti u jekk il-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha għall-iżborż ġewx issodisfati. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-pagamenti jiġu sospiżi jew jitnaqqsu proporzjonalment. Il-Kummissjoni tawditja wkoll il-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE, u b'mod aktar partikolari l-miżuri sabiex jiġu evitati, identifikati u kkoreġuti każijiet ta' frodi, ta' korruzzjoni, ta' kunflitti ta' interess u ta' finanzjament doppju.

<sup>(22)</sup> L-Irlanda ma talbitx prefinanzjament u l-Finlandja ma tħallsix qabel Jannar 2022.

- Wara l-iżborżi, il-Kummissjoni tista' twettaq kontrolli u awditi *ex post* <sup>(23)</sup> sabiex tivverifika l-ilħuq tal-oġġettivi intermedji u tal-miri. Il-Kummissjoni tista' twettaq ukoll verifiki *ad hoc* f'każ ta' suspett ta' irregolaritajiet serji. Jekk ikun neċessarju, il-Kummissjoni tirkupra ammonti proporzjonati jew teħtieġ ripagament bikri tas-self.

**Sabiex tkejjel il-livell ta' riskju assoċjat mal-operazzjonijiet, il-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni kwalitattiva tar-riżultati mill-awditi u mill-kontrolli** kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll tal-Kummissjoni. F'kuntast li fih il-pagamenti jkunu bbażati fuq valutazzjoni kwalitattiva tal-ilħuq tal-oġġettivi intermedji u tal-miri u meta dawn l-oġġettivi intermedji u l-miri jkunu differenti ħafna, ir-riżultati tal-kontroll ma jistgħux jiġu estrapolati. Għalhekk, għall-kuntrarju ta' programmi oħrajn ta' finanzjament, ma tistax tiġi ddeterminata rata ta' żball sinifikanti bbażata fuq metodi statistiċi.

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni pożittiva tal-evidenza tal-ilħuq tal-oġġettivi intermedji tat-talba għall-pagament, **l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delegazzjoni kkonferma li kellu aċċertament raġonevoli** tal-legalità u tar-regolarità tal-pagament uniku li sar fl-2021 taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

## Konklużjoni dwar il-ġestjoni

**Il-Kummissjoni tiżgura li l-baġit tal-UE jservi liċ-ċittadini.** Bis-saħħa tal-għodod effettivi fis-seħħ u tal-ġestjoni proattiva tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni setgħet twettaq l-oġġettivi ta' politika tagħha u twieġeb għal diversi sfidi. Il-Kummissjoni pprovdiet lill-benefiċjarji, lis-sħab ta' implimentazzjoni u lill-Istati Membri tagħha l-grad neċessarju ta' flessibilità, filwaqt li żgurat ġestjoni finanzjarja tajba u żammet livell xieraq ta' aċċertament fuq il-ġestjoni tal-baġit tal-UE.

**L-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni b'delegazzjoni kollha pprovdew aċċertament raġonevoli għad li, fejn xieraq, dan kien kwalifikata b'riżervi.** Ir-rapporti annwali tal-attività juru li d-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni implimentaw kontrolli interni solidi u jipprovdu evidenza tal-isforzi meħudin sabiex ikun hemm titjib fil-kosteffettività, ir-regoli jkunu ssimplifikati ulterjorment u l-baġit ikun protett b'mod adegwat kontra frodi, żbalji u irregolaritajiet.

Fuq il-bażi tal-assigurazzjonijiet u tar-riżervi fir-rapporti annwali tal-attività, fid-dawl tal-opinjoni tal-awditur intern, il-Kulleġġ tal-Kummissarji jadotta dan ir-*Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE – Sena Finanzjarja 2021* u jieħu f'idejh ir-responsabbiltà politika globali għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE.

<sup>(23)</sup> F'konformità mal-Ftehim ta' Finanzjament, jistgħu jitwettqu awditi *ex post* sa 5 snin li jibdeu mid-data wara li jkun ġie preżentat l-aħħar pagament.

## Żviluppi futuri: prospettiva għall-2022 u lil hinn minnha

**F'kuntest ta' sfidi immensi kontinwi, il-kooperazzjoni mill-qrib ma' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE u mal-Istati Membri tibqa' essenzjali.** Kif kien minnu għall-pandemija, l-iżvilupp drammatiku tal-avvenimenti fl-Ukrajna jagħmel rispons robust u koordinat fil-livell tal-UE kemm neċessarju kif ukoll ġustifikat bħala komplement indispensabbli għall-ħidma tal-Istati Membri.

**Il-limitazzjonijiet tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-2021-2027 joħlqu sfidi għall-UE sabiex twieġeb bis-sħiħ għas-sitwazzjoni wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna.** Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura li kull euro fil-baġit tal-UE jintuża b'effett massimu, inkluż permezz tar-riallokazzjoni u permezz tal-prijorizzazzjoni mill-ġdid meta jinqalgħu sfidi mhux antiċipati. Madankollu, hemm limiti għal dak li jista' jinkiseb fi ndan ir-restrizzjonijiet tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali. Ħafna mill-flessibbiltà fil-baġit diġà ntużat sabiex ikun hemm reazzjoni għal kriżijiet multipli, bir-riżultat li se jkun hemm anqas lok sabiex wieħed jirrispondi għal kriżijiet futuri. Għalhekk, hija ġustifikata riflessjoni urġenti dwar kif għandu jiġi żgurat li l-baġit tal-UE jkun mgħammar sabiex iwieġeb għall-ħafna talbiet u aspettattivi mqegħdin fuq f'dawn iż-żminijiet ta' taqlib eċċezzjonali.

**Il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni mmirata tar-regolament finanzjarju (24).** Minħabba li l-bidliet miġjubin mir-reviżjoni tal-2018 jeħtieġu ż-żmien sabiex jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom, din il-proposta tiffoka fuq l-allinjament mal-baġit il-ġdid fit-tul, ċertu titjib fuq il-maniġġar ta' kriżijiet wara t-tagħlimiet meħudin matul il-kriżi tal-COVID-19 u protezzjoni msaħħa tal-interessi finanzjarji tal-UE.

**Il-Kummissjoni qiegħda tagħti segwitu għall-impenn tagħha li tkompli tipprovdi għodda unika għall-estrazzjoni ta' data u għall-għoti ta' punteġġ tar-riskju (Arachne) lill-Istati Membri.** Tappoġġa lill-awtoritajiet tal-programmi fil-identifikazzjoni tar-riskji għan-nefqa billi tadatta l-għodda mqegħdin għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri skont il-qafas finanzjarju preċedenti. Il-Kummissjoni se tkompli toffri appoġġ lill-Istati Membri sabiex tippermetti l-użu effettiv tagħha. Fir-reviżjoni li għaddejja tar-regolament finanzjarju, il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħa l-użu ta' din l-għodda għall-estrazzjoni ta' data u għall-għoti ta' punteġġ tar-riskju.

Fis-16 ta' Frar 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-validità tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 dwar **reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni**, li żewġ Stati Membri, l-Ungerija u l-Polonja, ikkontestaw. F'Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat linji gwida dwar l-applikazzjoni tar-regolament. Wara l-ħidma mwettqa matul l-2021, il-Kummissjoni baġtet l-ewwel notifika lill-Ungerija f'April 2022 bħala pass sussegwenti taħt ir-reġim ġenerali tal-kondizzjonalità, li tat bidu għall-proċedura li tista' twassal għall-impożizzjoni ta' miżuri kontra Stat Membru għal ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt. Il-Kummissjoni timmonitorja b'mod kostanti s-sitwazzjoni madwar l-Istati Membri u se tibda l-proċedura skont ir-regolament dwar il-kondizzjonalità jekk il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati.

(24) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (rifomulazzjoni), COM(2022)223.

## Getting in touch with the EU

### In person

All over the European Union there are hundreds of Europe Direct centres. You can find the address of the centre nearest you online ([european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us\\_en](https://european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_en)).

### On the phone or in writing

Europe Direct is a service that answers your questions about the European Union. You can contact this service:

- by freephone: 00 800 6 7 8 9 10 11 (certain operators may charge for these calls),
- at the following standard number: +32 22999696,
- via the following form: [european-union.europa.eu/contact-eu/write-us\\_en](https://european-union.europa.eu/contact-eu/write-us_en).

## Finding information about the EU

### Online

Information about the European Union in all the official languages of the EU is available on the Europa website ([european-union.europa.eu](https://european-union.europa.eu)).

### EU publications

You can view or order EU publications at [op.europa.eu/en/publications](https://op.europa.eu/en/publications). Multiple copies of free publications can be obtained by contacting Europe Direct or your local documentation centre ([european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us\\_en](https://european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_en)).

### EU law and related documents

For access to legal information from the EU, including all EU law since 1951 in all the official language versions, go to EUR-Lex ([eur-lex.europa.eu](https://eur-lex.europa.eu)).

### EU open data

The portal [data.europa.eu](https://data.europa.eu) provides access to open datasets from the EU institutions, bodies and agencies. These can be downloaded and reused for free, for both commercial and non-commercial purposes. The portal also provides access to a wealth of datasets from European countries.

